Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-ERBGĦA u ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 11 ta' Frar 2015

**Ħin:** Mill-5.30pm sas-7.35 pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tlieta u Ħamsin laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li sar appell fuq l-għoti tat-tender il-ġdid għal ġbir tal-iskart domestiku u li għalissa l-kuntratt l-ġdid huwa miżmum.

Il-Viċi Sindku Joe Galea infurma lill-Kunsill li fi Sqaq Nru 1, Triq Santa Marija sab lil min jista' jagħmel lavur ta' pavimentar fl-istess sqaq wara li l-WSC kien għamluy xogħol ta' *trenching* u ħallewħ fi stat diżastruż. Il-kwotazzjoni hija ta' € 230. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq is-sigurta' tar-residenti li jgħaddu minn quddiem Kola Store minħabba li jipparkjaw il-karrozzi.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li TM ma approvawx il-pjanti hekk kif sottomessi mill-Kunsill.

Il-Kunsill ser jara kif jista' jsolvi l-problema mod ieħor biex jipprotegi lil min jgħaddi minn hemm.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4634**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment tas-Sur S. Caruana fuq permess tal-MEPA nru 431/15 fejn jidher li propjeta' fi Triq It-Tlett Knejjes ser tinbidel f'Art studio u kafetterija u li din il-binja għandha valur storiku.

Il-kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat is-sottomissjonijiet tal-Kunsill fejn jitlob li f'dan il-post storiku ma jsir ebda żvilupp li jista' jagħmel ħsara lill-gallarija u niċċa li tinsab fuq il-faċċata ta' din il-propjeta'

**Ittra Nru 4633:** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' residenta fi Triq Il-Kannizzata fuq l-istat tal-bankini u li xi nies qed joħorgu l-boroż tas-skart domestiku bil-lejl.

Is-Sindku qal li f'dik it-triq hemm kostruzzjoni għaddejja jew skedati li jsiru u għaldaqstant jidhirlu li 'l quddiem, la darba jitlestew dawn il-binjiet, il-Kunsill jibda jaħseb biex jagħmel bankini ġodda. Fir-rigward ta' l-iskart domestiku huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lir-Reġjun biex jintbgħatu l-wardens.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**Ilment Nru. 17015075223874**: Talba biex titnehha double yellow line li saret fi Triq Santu Rokku. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Estimi Finanzjarji 2015

L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2015, kif emendati fl-aħħar laqgħa tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-format skont ir-regolamenti finanzjarji (mehmuża).

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2015. L-estimi ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru (mehmuż)

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru 2014 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, is-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 5. Rapport Finanzjarju Annwali 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2014. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuż). L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti.

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Stephen Gatt li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg, il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju Annwali għas-sena 2014. Ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2014 ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett

## 6. Rapport Amministrattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2014 (mehmuż).

Ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2014 kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku John Zammit Montebello, li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta' Frar 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 28,702.53

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Bord tal-Finanzjament għal Proġetti Kapitali fejn ġie diskuss il-pjan tal-Kunsill għal bini ta' Civic Centre bi sħab mal-privat.

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-sinjura Azzopardi tal-Malta Tourism Authority fejn qed jiġi propost li jsir marketing u turizmu alternattiv bis-sehem ta' H'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan. Jidher li bħala awtorita' huma favur tali proġett u ser tiġi kkunsidrata la darba jkollhom il-fondi neċessarji.

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier Stephen Gatt kellhom laqgħa informali mas-sidien tal-post eżistenti minn fejn jaħdem il-Kunsill fejn tkellmu fuq il-problema ta' post alternattiv għall-Kunsill.

Is-Sindku infurma lill-Kunsill sal-elezzjoni tal-Kunsilli kull ma ser isir xoghol fit-toroq huwa biss xogħol ta' manutenzjoni.

## 9. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' resident li joqgħod 4, Triq Santa Marija minħabba problemi ta' għargħar.

Il-Vici Sindku Joe Galea ser jiċċekkja u jara x'hemm bżonn

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab biex isir xi patching fi Triq San Frangisk 31-33.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li jsiru xi tabelli fi Triq San Frangisk jindikaw għal San Anton u Casa Antonia.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu 2015 fid-9.00am.

| | |
|---|---|
| **Dr. John Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data